**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **614/2022 AD**

**TRISTEN KYLE PISANI (KI 373792M)**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI U**
**L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar Ordni tal-Iffriżar tal-Assi maħruġa fit-termini tal-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, illi konsegwenza tagħha r-rikorrent qed jikkontendi illi qed isofri minn: (a) leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319

tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan peress illi l-Ordni ta’ Ffriżar qed tinfliġġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat.

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta’ Rikors Kostituzzjonali datat wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru 2022, ir-rikorrent **<u>Tristen Kyle Pisani</u>** ppremetta:

   a. *Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar il-14 ta' Ġunju 2018 fejn kien ġie akkużat b'numru ta' reati, fosthom u prinċipalment bil-pussess tad-droga kokaina mhux għall-użu personali tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2018. Il-proċeduri huma fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Tristen Kyle Pisani et****;*

   b. *Illi dakinhar stess tal-preżentata, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ordnat l-iffriżar tal-assi tal-esponenti ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   c. *Illi, sal-lum il-ġurnata, proprju erba' (4) sena wara li dawn il-proċeduri nbdew, il-proċeduri odjerni għadhom pendenti u għadu pendenti wkoll l-ordni ta' iffriżar hawn fuq imsemmi;*

   d. *Illi, l-Ordni ta' Iffriżar ipparalizza kompletament l-operat kollu tar-rikorrenti personalment bil-konsegwenza illi l-esponenti qiegħed jiġi mxekkel milli saħansitra jibni relazzjoni bankarja;*

   e. *Illi, l-Ordni tal-Iffriżar, li huwa indubbjament wieħed drakonjan fl-estremità, affettwa negattivament lir-rikorrenti u dan peress illi:*

      i. *L-kontijiet bankarji tar-rikorrenti huma kollha ffriżati;*
      ii. *Ir-rikorrenti qiegħed jiġi mċaħħad minn relazzjoni bankarja bażika;*

iii. *B'riżultat ta' din l-Ordni tal-Iffriżar, ir-rikorrenti qiegħed jaffaċċja problemi serji sabiex jikseb impjieg u/jew jinnegozja u għaldaqstant mhux qiegħed ikollu dħul; u*

iv. *B'riżultat tal-Ordni de quo r-rikorrenti sab ruħu fl-impossibilità li jonora l-obbligi finanzjarji tiegħu.*

f. *Illi għandu jingħad ukoll illi l-esponent m 'għandu l-ebda rimedju effikaċi biex jikkontesta tali ordni għaliex il-liġi fl-artikolu 22A tal-Kap. 101 tikkontempla appell fi żmien tlitt ijiem biss għal meta jkun hemm ordni temporanja biss (subartikolu 9) filwaqt illi l-liġi tgħid illi l-Qorti "għandha" u mhux "tista"" toħroġ tali ordni;*

g. *Għalhekk, ir-rikorrenti jsostni illi qiegħed jiġi prekluż milli jgawdi l-proprjetà tiegħu;*

h. *Illi, l-Ordni ta' Iffriżar su riferita hija miżura altru milli sproporzjonata u dan jingħad in vista tal-fatt illi ma kinitx limitata għall-ammont li allegatament ir-rikorrenti avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat imputat lilu, iżda fuq kollox, kellu kemm kellu u għandu kemm għandu assi r-rikorrenti;*

i. *Illi l-esponenti jikkontendi illi l-Ordni ta' Iffriżar kif applikabbli fil-kas odjern qiegħed joħloq leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu milli jkollu protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens u dan kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Artikolu I tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

j. *Illi, in vista tas-suespost, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018 u fl-ismijiet* ***George Tabone et vs. L-Avukat Ġenerali*** *fejn kien intqal:*

> *"L-Artikolu 37 iħares mhux biss kontra 'deprivazzjoni totali' tal-proprjeta iżda kontra t-tehid ta' kull interess fi jew dritt fuq il-proprjeta. Il-ius abutendi — il-jedd li*

*tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjeta — huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjeta. Għalhekk, Ii sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa tehid ta' interess fi proprjeta, u jintlaqat mill-artikolu 372."*

k. *Illi, in oltré, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem stabbiliet x'tista' tkun il-bażi biex il-Qorti Kriminali tvarja ordnijiet li jċaħħdu lill-persuna mit-tgawdija tal-proprjeta' taħhha temporanjament. Tabilħaqq, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Paulet vs. United Kingdom*** *tat-13 ta' Mejju 2014, il-Qorti Ewropea sabet illi kien hemm leżjoni tal-Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni kif fuq citat u dan għas-segwenti raġunijiet:*

i) *"It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article 1 of Protocol No.1. Moreover, it is clear from Philips v. the United Kingdom, no 41087/98, 51, ECHR 2001 - VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship (of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, among many examples, Allan Jacobsson v. Sweden (no.1), judgment of 25 October 1989, Series A no. 163, p. 17, 55)."*

ii) *An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will be disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden", such that "the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interest" is*

*upset (see Sporrong and Loonroth v. Sweden, cited above, 73). The striking of a fair balance depends on many factors (AGOSI V. the United Kingdom, 24 October 1986, 54, Series A no. 108). Although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant a reasonable opportunity for putting his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (AGOSI, cited above, and Jokela vs. Finland, no. 28856/ 95, 55, ECHR 2002-IV)."*

l. *Illi, aktar riċenti, fil-kawża fl-ismijiet Filkin v. Portugal deċiża fit-3 ta' Marzu, 2020 (69729/12), il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi filwaqt li restrizzjoni temporanja fuq l-użu ta' proprjeta ta' Ċittadin hija fil-kompetenza tal-Istati Membri, iridu jissussistu ċertu kundizzjonijiet bħal dik tal-interess ġenerali. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:*

> *"Since the applicant did not benefit from the procedural guarantees that would enable him to effectively challenge the measure in question and having regard to its long period of application, the Court concluded that the applicant had been subjected to a "special and outra-geous charge", which overturned the fair balance that must be struck between the legitimate general interest pursued by the authorities and the applicant's right to peaceful enjoyment of his property."*

m. *Illi, riċentement, is-sentenza fl-ismijiet* ***Filkin v. Portugal*** *ġiet ampjament ċitata fis-sentenza* ***Keith Schembri et v. L-Avukat tal-Istat et*** *deċiża mill-Qorti Civili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' April 2021 fejn dik l-Onorabbli Qorti, hi u tesprimi ruħha fuq il-*

*konsegwenzi negattivi li jġibu magħhom dawn it-tip ta' ordnijiet, irrimarkat is-segwenti:*

> *"Il-Qorti Ewropea hemmhekk stqarret li sabiex jingħad li huma mħarsa d-dispożizzjonijet tat-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, l-indħil fid-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta' kellu jkun fl-interess pubbliku u skont dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi u dawk il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali. Tenniet li l-indħil għandu jassigura bilanċ ġust bejn l-eżiġenzi tal-interess ġenerali u n-neċessita li jitħarsu d-drittijiet fondamentali tal-individwu."*

n. *Illi, l-esponenti jagħmel referenza għall-kawża riċenti mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar 2020 fl-ismijiet* ***Apostolovi vs. Bulgaria*** *u dan stante illi f'din il-kawża kellu jiġi mistħareġġ jekk Ordni ta' Iffriżar maħruġa waqt proċeduri kriminali kienitx tikkostitwixxi leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:*

> *"It is not in dispute that the freezing order with respect to the first applicant's assets amounted to an interference with his possessions. It was the domestic courts' duty to satisfy themselves that the freezing of the first applicant's assets would not cause him more damage than that which inevitably flows from such measures".*

o. *Illi, ir-rikorrenti għaldaqstant isostni illi qiegħed isofri minn leżjoni ta' diversi drittijiet fondamentali tiegħu, u ċioe':*

i) *Leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii) *Leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, 1-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u 1-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.3 19 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' iffriżar qed tinfliġġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa hati li kkommetta reat;*

p. *Illi, għaldaqstant qiegħda ssir din il-kawża;*

q. *Illi, ir-rikorrenti jaf personalment b' dawn il-fatti kollha hawn fuq dikjarati;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra wkoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, 1-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u 1-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-Ordni ta' Iffriżar qiegħed jinflinġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat;*

iii. *Tannulla, u tirrevoka l-Odni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali flismijiet "Il-Pulizija vs Tristen Kyle Pisani";*

iv. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*v. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti; u*

*vi. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fosthom illi tillikwida kumpens li għandu jkun pagabbli lir-rikorrent minħabba l-lezjoni li sofra kif hawn fuq spjegat.*

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

4. B'digriet mogħti nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ġimgħa, sittax (16) ta' Diċembru 2022;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata erbatax (14) ta' Diċembru 2022, l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** eċċepew:

*a. Illi preliminarjament in kwantu dak li qiegħed jigi attakkat hija essenzjalment ordni maħruga minn Qorti u liġi, l-esponenti Avukat Ġenerali teċepixxi li ma hijiex il-leġittima kontraditriċi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti u dan skond dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*b. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu huwa ċar mir-rikors in risposta li l-azzjoni tar-rikorrent hija biex tattakka Ordni ta' Ffriżar maħruġa mill-Qorti, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali bil-konsegwenza li ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c. *Illi fil-mertu u bla ħsara għas-suespost, jiġi eċċepit li l-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

d. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta tlett rimedji separati għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw rwieħhom matul proċess kriminali: il-ħlas ta' kredituri bona fide li kellhom krediti mal-akkużat* ***qabel*** *il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar, it-trasferiment ta' mobbli u immobbli* ***għal raġuni tajba****, u finalment, ir-rimedju ġenerali prospettat fis-subartikolu (3). Illi dan premess, ir-rikorrent għandu juri li utilizza dawn ir-rimedji u konkretament juri kif dawn ir-rimedji ma kienux effettivi għall-għanijiet tiegħu;*

e. *Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu illi dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skond il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xieraq, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Din il-miżura hija għalhekk għal kollox neċessarja għaliex ir-reati li bihom ir-rikorrent huwa mixli u ċioe' dwar traffikar ta' droga u reati relatati huma reati serji. Tali miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati;*

f. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti ifakkru li r-rikorrent ġie akkużat*

*b'reat serju ta' traffikar ta' droga u reati relatati. L-Ordni ta` iffriżar u qbid tal-assi hi miżura* *<u>proviżorja</u>* *ta` kontroll ta` proprjeta` sabiex tiżgura li proprjeta` li ġiet akkwistata b`attivita` illeċita li tkun twettqet b`detriment għall-komunita`, f`kaz ta` sejbin ta` ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attivita` illeċita. L-Ordni ta' ffriżar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċizjoni ikkunisdrata bħala res judicata;*

g. *Illi bla ħsara għas-suespost, u b'żieda ma dak sueċċepit, ordni ta' ffriżar hi għodda tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet.* *<u>L-ewwel għan</u>* *huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna milquta huma sekwestrati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar; kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija bit-traffikar ta' droga, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet.*

*Dwar dan il-punt, referenza ssir għas-sentenza ta'* ***Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali***[1] *fejn intqal:*

> *"Illi, fil-każ preżenti, l-interess ġenerali f'Ordni ta' Iffriżar maħruġ taħt l-artikolu 22A tal-Kap 101 joħroġ mir-regola ġenerali li, fejn hemm is-suspett li twettaq reat, it-teħid ta' miżuri konservattivi maħsuba biex, safejn huwa possibbli, ma jitħalliex li ġid jew patrimonju li jkun il-frott ta' xi attività kriminali jisfaxxa fix-xejn jew jinħeba, huwa dejjem fl-interess tas-soċjetà in ġenerali. Għalhekk, Ordni bħal dan jissarraf f'miżura proċedurali*

[1] *Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali,* Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

> *kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-Ordni. Ordni bħal dak jista' jixxiebah ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bħalma wieħed isib fil-qafas ta' proċediment ċivili;"*

*Illi <u>t-tieni għan</u> ta' ordni ta' ffriżar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija. Di fatti, il-liġi stess espliċitament tipprovdi għal dan il-kunċett, magħruf aħjar bħala value confiscation fl-Artikolu 22(3B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:*

> *'Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valurtagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skont il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

*Għalhekk, anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss, ir-rikorrent juri li għandu proprjetà preżentement milquta minn ordni ta' ffriżar li kienet akkwistata b'mod leġittimu, din xorta waħda tibqa' soġġetta għall-konfiska peress li tkun tista' sservi biex titħallas multa mposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija;*

*h. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fejn ir-rikorrenti jilmenta li l-Ordni ta' ffriżar ma kinitx limitata għall-ammont li allegatament ir-*

*rikorrent avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat imputat lilu, l-esponenti iwieġbu li l-Qrati għandhom joqgħodu lura milli jagħtu provvedimenti li jistgħu jinoltraw il-mertu tal-każ. B'żieda ma' dan, wieħed ma jistax jinsa, li hemm il-kunċett ta'* ***intermingling of proceeds*** *u għalhekk fl-istadju tal-proċess ġudizzjarju pendenti, l-iffriżar ma jistax ikun limitatat għal fi kliem ir-rikorrent 'ammont li allegatament ir-rikorrenti avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat'. Filfatt it-tifsira tal-kliem 'rikavat mill-kriminalita' fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta huwa:*

> *'(1) "Rikavat mill-kriminalità" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku jew benefiċċju ieħor derivat direttament jew indirettament minn reat rilevanti, inkluża iżda mhux limitata għal kwalunkwe proprjetà jew interess fi proprjetà li ma tkunx inkisbet jew tinżamm ħlief għat-twettiq tar-reat.*
>
> *(2) Ir-rikavat mill-kriminalità jista' jikkonsisti f'kull tip ta'proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni u ta' kwalunkwe natura, kemm jekk mobbli jew immobbli, korporali jew inkorporali irrispettivament minn jekk dik il-proprjetà tkunx tinsab f'Malta jew mod ieħor u irrispettivament minn min tinżamm dik il-proprjetà, u* ***<u>tinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew trasformazzjoni sussegwenti</u>***
>
> *(3) Ir-rikavat mill-kriminalità jfisser ir-rikavat totali ta' reat rilevanti mingħajr kreditu jew tnaqqis għal kwalunkwe spiża mġarrba biex isir ir-reat jew taxxi mħallsa jew dovuti.*
>
> *(...)'*

i. *Illi dan kollu huwa rilevanti wkoll in kwantu għall-allegat ksur tal-****Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali****.*

*Huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:*

*a. Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;*
*b. L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;*
*c. Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.*

j. *Illi bla ħsara għas-suespost, fil-każ odjern ma hemm ebda dubju li l-ordnijiet ta' ffriżar inħarġu taħt qafas legali u li huma fl-interess ġenerali ossia, il-ġlieda kontra reati ta' droga. In kwantu għall-proporzjonalità, ir-rikorrent għandu diversi rimedji għad-dispożizzjoni tiegħu. Fis-sentenza ta'* ***Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali***[2] *surreferita, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat:*

> *"Illi jrid jingħad li l-artikolu 22A tal-Ordinanza jagħti lill-parti milquta minn Ordni ta' sekwestru jew iffriżar tal-ġid tiegħu rimedji li bihom tista' titlob lil qorti biex tħalliha tittrasferixxi ġid mobbli jew immobbli maqbud b'ordni bħal dak. Dak ir-rimedju jgħodd ukoll meta l-persuna tkun għadha għaddejja minn proċeduri kriminali u ma tkunx għadha ngħatat sentenza dwar il-ħtija tax-xiljiet li jkunu sarulha. Minħabba f'hekk, jidher li din il-possibilità toħloq l-element ta' proporzjonalità bejn l-interessi tal-ġustizzja u dak pubbliku in ġenerali u l-interessi tal-persuna mixlija li ħwejjiġha jkunu l-oġġett ta' ordni bħal dak."*

k. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-Ordni ta' ffriżar u qbid in diżamina ħarġu skond id-disposizzjonijiet tal-liġi u għal għan leġittimu li hija l-protezzjoni tas-soċjeta' in ġenerali. Illi r-rikorrent ma huwiex qiegħed isofri piż eċċessiv u sproporzjonat u dan anke tenut kont tal-ħsara li l-attivita' kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjeta', l-interess ġenerali*

[2] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

*għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrent li jiddisponi u/jew jagħmel użu mill-assi tiegħu;*

l. *Illi bla ħsara għas-suespost, il-preambolu (26) tad-Direttiva 2014/42/UE Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea jipprovdi li:*

> *'Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwiżit għal konfiska u tista' tkun ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex jiġi evitat li l-proprjetà tintefaq qabel toħroġ l-ordni ta' ffriżar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali proprjetà.'*

*Filwaqt li l-artikolu 7.1 tal-imsemmija Direttiva jipprovdi li:*

> *'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preservata l-proprjetà.'*

m. *Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment dwar ksur tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li ma hemmx ksur ta' dawn l-Artikoli. Dawn l-Artikoli huma filfatt inapplikabbli għal fatti speċi tal-każ odjern u dan peress li jitrattaw piena, meta dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent ma hijiex piena*

*iżda miżura kawtelatorja;*

*n. Illi stante li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*o. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ssib ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent, dikjarazzjoni tkun suffiċenti u ma hemmx lok għal għoti ta' kumpens u danni;*

*p. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Tristen Kyle Pisani datat wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2022;

7. Reġgħet rat ir-risposta konġuntiva tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat datata erbatax (14) ta' Diċembru 2022;

8. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha esebixxa xi atti mill-proċess Kriminali msemmi fir-rikors promotur (a fol 20 *et seq* tal-proċess);

9. Rat in-nota tal-intimati illi permezz tagħha esebixxew numru ta' dokumenti mill-proċess Kriminali (**Dok AG** a fol 55 *et seq* tal-proċess);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata ħamsa (5) ta' Mejju 2023 (a fol 78 *et seq* tal-proċess);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet konġuntiva tal-intimati, datata disgħa (9) ta' Mejju 2023 (a fol 92 *et seq* tal-proċess);

12. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

14. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tindirizza l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati:

**A. <u>Leġittimu Kontradittur</u>**

15. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati, l-Avukat Ġenerali teċċepixxi illi ma hijiex il-leġittima kontradittriċi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti, u dan skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *[...]*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*
>
> *[...]*

17. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob kemm dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu per kawża tal-liġijiet viġenti, kif ukoll illi tiġi annullata u revokata l-Ordni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri odjerni;

18. Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern in kwantu qiegħda tiġi attakkata l-liġi, l-Avukat Ġenerali hija l-Uffiċċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali għaddejjin fil-konfront tar-rikorrent. Hija l-Prosekuzzjoni illi talbet sabiex tinħareġ l-Ordni ta' Ffriżar kontra r-rikorrent, u hija l-Prosekuzzjoni illi bis-saħħa tagħha jitmexxew l-istess proċeduri kriminali;

19. Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali in kwantu teċċepixxi illi mhix leġittima kontradittriċi, stante illi d-deċiżjoni tal-Qorti fil-kawża odjerna mhix waħda illi tista' taffettwa biss il-liġijiet in vigore, iżda waħda illi tista' taffetwa saħansitra anke l-proċeduri kriminali illi qed tmexxi l-Avukat Ġenerali bħala Uffiċċjal Prosekutur fil-konfront tar-rikorrent;

20. Din il-Qorti għalhekk tqis illi, bħala parti illi tista' tiġi affettwata b'mod dirett bid-deċiżjoni illi tingħata minn din il-Qorti fil-proċeduri odjerni, l-Avukat Ġenerali kellha wkoll tingħata l-opportunita' li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet rikorrenti u li tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tal-istess, kif fil-fatt ingħatat;

21. Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-eċċezzjoni sollevata fl-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati.

## B. <u>Rimedji Ordinarji</u>

22. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi in kwantu l-azzjoni tar-rikorrent hija sabiex tattakka Ordni ta' Ffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ir-rikorrent m'eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali, u li għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorment dan l-ilment, a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

23. Filwaqt illi fir-risposta tagħhom, l-intimati ma jelaborawx dwar ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni tar-rikorrent, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom

imbagħad jissottomettu illi l-eċċezzjoni minnhom sollevata qed tagħmel referenza għar-rimedju ordinarju mogħti fit-termini tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

24. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Mill-banda l-oħra, Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

25. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita' tad-Djar et***[3], fejn intqal:

*31. Illi huwa risaput li bil-provisos għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha biex, min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew taħt il-Kap 319 inutilment, iżda min-naħa l-oħra jiġi assigurat li f'każijiet li jimmeritaw li jiġu eżaminati sew taħt il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Indubitament, il-provisos marbutin maż-żewġ Artikoli appena msemmija ma humiex intiżi biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilita' li tieħu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, iżda mill-perspettiva l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha kostituzzjonali għandha l-fakolta' tidderiġi ruħha lejn ir-rifjut tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-Artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat, iżda dejjem meħud kont tal-gravita' tal-leżjoni lamentata, il-konsegwenzi għall-applikant tal-istess leżjoni u l-interess*

[3] Rik Nru 59/2010, Qorti Kostituzzjonali, 13 t'April 2018

*aktar ġenerali tal-pubbliku filli tiġi kjarifikata l-pożizzjoni kostituzzjonali.*

26. Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel imbagħad f'din is-sentenza referenza għall-insenjament tagħha f'sentenza oħra mogħtija minnha stess fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[4], fejn kienet elaborat kif isegwi:

> *Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti prima facie. Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;*
>
> *[...]*
>
> *Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-*

[4] Appell Nru 22/2005, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006

*rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħa tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha* [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Zahra v. Awtorita' tal-Ippjanar* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179)]. *F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqgħalha s-setgħa li tiddeċiedi li ma eċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

*Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta* [Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet *John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*];

*Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun*

*rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat* [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. *M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi* [PA Kost **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet *Clitfon Borg vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)];

27. Finalment, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel referenza għal numru ta' prinċipji, bħal speċi *check-list* jew linjigwida, illi għandhom iwasslu lil Qorti sabiex tqis jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-*

*imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent* [PA (Kost) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet *Victor Bonavia vs. L-Awtorita' tal-Ippjanar et*]; *(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* [Ara Kost **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Bannister et* (Kollez Vol LXXVIII.I.48) u Kost **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Visual & Sound Communications Ltd vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*]; *u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* [PA Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet *Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)]*;*

28. Il-Qorti rat illi minkejja illi r-rikorrent, fir-rikors promotur, jiddikjara illi huwa *"kien ġie akkużat b'numru ta' reati, fosthom u prinċipalment bil-pussess tad-droga kokaina mhux għall-użu personali tiegħu"*, u li l-Ordni ta' Ffriżar inħarġet fit-termini tal-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-atti mill-proċess kriminali esebit mir-rikorrent stess jirriżulta illi l-Ordni ta' Ffriżar ħarġet fit-termini tal-Artikolu 22A tal-Kap 101, tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 u

tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta[5]. Dan stante illi minbarra r-reat ta' pussess tad-droga kokaina mhux għall-użu personali tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jiġi wkoll mixli, *inter alia*, bir-reat ta' assoċjazzjoni sabiex tinbiegħ jew tiġi traffikata d-droga kokaina, u bir-reat ta' ħasil ta' flus;

29. Din il-Qorti tirrileva illi hija ma tistax tikkonsidra l-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod iżolat fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, b'mod partikolari tenut kont illi waħda mit-talbiet illi qiegħed jitlob ir-rikorrent hija r-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar. Dan stante illi r-rikorrent jista' jkollu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji fit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, jew tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, anke jekk ma jkollux għad-disposizzjoni tiegħu rimedji fit-termini tal-Artikolu 22A tal-Kap 101, f'liema każ ma jkunx hemm lok illi tiġi revokata l-Ordni ta' Ffriżar stante illi jirriżulta illi r-rikorrent ikollu rimedji ordinarji sabiex jemiljora l-pożizjoni tiegħu;

30. L--**Artikolu 22A tal-Kap 101** tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi:

> *22A.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*
>
> *(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

[5] Vide verbal datat 14 ta' Ġunju 2018, a fol 22 tal-proċess

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll l-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*[...]*

31. B'mod kważi identiku, l-**Artikolu 5 tal-Kap 373** jistabbilixxi illi:

*5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

filwaqt illi s-sub-artikolu (3) tal-istess Artikolu mbagħad jgħid illi:

*Il-qorti tista’ f’ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta’ qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

32. Finalment, l-**Artikolu 23A tal-Kap 9** jgħid:

*23A.(1) F’dan l-artikolu, kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra –*

*"l-Att" tfisser l-Att kontra Money Laundering;*

*"l-Ordinanzi" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha;*

*"reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta’ natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista’ tingħata l-piena ta’ priġunerija jew ta’ detenzjoni għal żmien iktar minn sena.*

*(2) Meta persuna tiġi akkużata b’reat rilevanti, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-saħħa ta’ dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu 5 tal-Att.*

*[...]*

*(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta’ meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa’ fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali*.

33. Ir-rikorrent qed jilmenta illi l-Ordni ta' Ffriżar ipparalizza kompletament l-operat tiegħu personalment, bil-konsegwenza li qiegħed jiġi mxekkel milli saħansitra jibni relazzjoni bankarja. Qed jilmenta illi b'riżultat tal-Ordni ta' Ffriżar, qiegħed jaffaċċja problemi serji sabiex jikseb impjieg u/jew jinnegozja, u għaldaqstant mhux qed ikollu dħul, u illi b'riżultat tal-Ordni sab ruħu fl-impossibilita' li jonora l-obbligi finanzjarji tiegħu;

34. **Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent**;

35. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota illi ma nġabet l-ebda prova illi r-rikorrent għamel xi talba sabiex il-Qorti tawtorizzah jipperċepixxi l-ammont ta' €13,976.24 qabel il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2021, cioe kważi tliet (3) snin wara li ġie ordnat l-iffriżar tal-assi tar-rikorrent;

36. Fit-tieni lok, din il-Qorti rat li kienu tlieta l-istanzi fejn ir-rikorrent intavola rikors sabiex jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu fil-*proviso* tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap 101, u fil-*proviso* tal-artikolu 5(1)(b) tal-Kap 373, li jipprovdu illi huwa entitolat li jepperċepixxi l-ammont ta' €13,976.24 fis-sena. Il-Qorti ddegretat dawn it-talbiet bil-mod segwenti:

(a) permezz ta' digriet datat ħamsa (5) t'April 2021 (a fol 60 tal-proċess), il-Qorti ċaħdet it-talba wara li *"Ikkunsidrat illi l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali hija kompensibbli la darba r-rikorrent ma ddikjarax il-provenjenza tal-flus li jixtieq jipperċepixxi"*;

(b) permezz ta' digriet datat wieħed disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2021 (a fol 71a tal-proċess), il-Qorti stednitu *"sabiex permezz ta' nota ġuramentata, jiddikjara l-introjtu tiegħu mill-14 ta' Ġunju 2018 ossia mid-data tal-Ordni ta' Ffriżar 'il quddiem, l-introjtu li qiegħed jipperċepixxi fil-preżent, kif ukoll il-provenjenza ta' tali introjtu, jekk dan huwa l-każ, u jekk m'għandux introjtu minn fejn beħsiebu jipperċepixxi s-somma ta' €13,976.24 u l-provenjenza ta' tali flejjes."*;

(c) permezz ta' digriet datat sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2021 (a fol 75 tal-proċess), il-Qorti għal darb'oħra stednitu *"sabiex permezz ta' nota ġuramentata, jiddikjara jekk għandux impjieg, f'liema każ huwa għandu jipproduċi d-dettalji tal-istess impjieg, kif ukoll il-paga li jipperċepixxi mill-istess u dan permezz ta' payslips, kif ukoll kemm ilu f'dan l-impjieg, In oltre tistieden lir-rikorrenti sabiex jiddikjara bil-ġurament tiegħu x'kien id-dħul jew is-sors ta' introjtu tiegħu mill-ħruġ tal-Ordni ta' Iffriżar 'il quddiem, kif ukoll jippreżenta rendikont ta' kull kont bankarju li huwa għandu għal din l-aħħar sena."*;

Minkejja l-istedina illi għamlitlu l-Qorti għal darba, darbtejn, ir-rikorrent baqa' inadempjenti. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tara kif ir-rikorrent jista', fuq naħa l-waħda, jilmenta mill-fatt illi l-kontijiet bankarji tiegħu huma kompletament ffriżati u li l-Ordni ta' Ffriżar ipparalizzat l-operat tiegħu personali, imbagħad, fuq in-naħa l-oħra, wara li ġie mogħti xejn inqas minn tliet opportunitajiet sabiex jemiljora l-pożizzjoni tiegħu, kien hu stess illi ma ħa l-ebda waħda minnhom. Ir-rikorrent kellu mill-inqas jieħu l-opportunita' mogħtija lilu mill-Qorti, jekk verament il-provenjenza tal-flus illi kien qed jippretendi li jipperċepixxi kienet waħda leċita, qabel jilmenta illi l-Ordni ta' Ffriżar qed tilledi d-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu. Huwa evidenti illi dan ir-rimedju huwa wieħed aċċessibbli għar-rikorrent, stante illi huwa dritt tiegħu stabbilit mil-liġi stess. Huwa wkoll rimedju, fl-opinjoni tal-Qorti, effettiv u xieraq, stante illi jagħti lir-rikorrenti aċċess għall-assi tiegħu, u skrutinju u reviżjoni tal-Ordni ta' Ffriżar skont il-bidla fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent. Madanakollu, <u>il-fatt illi intavola t-talba ma kienx biżżejjed sabiex, fil-fehma ta' din il-Qorti, jitqies illi eżawrixxa l-istess rimedju. Kien jonqos illi jirregola ruħu fid-direzzjoni illi wrietu l-Qorti sabiex ikun kompletament eżawrixxa ruħu mir-rimedju ordinarju mogħti lilu mil-liġi</u>. Fin-nuqqas tiegħu illi jagħmel dan, din il-Qorti tqis illi **l-pożizzjoni illi qiegħed fiha r-rikorrent hija waħda unikament attribwibbli lilu stess**, u mhux lill-operat tal-liġi;

37. In oltre, din il-Qorti rat ukoll illi l-Artikolu 22A tal-Kap 101 saħansitra jagħti lir-rikorrent il-possibilita' illi jressaq talba sabiex (a) jitlob illi jkun hemm ħlas ta' djun li saru qabel l-Ordni ta' Ffriżar, u/jew (b) jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli. Dawn huma żewġ rimedji oħra mogħtija lir-rikorrent, liema rimedji r-rikorrent la użufruwixxa ruħu minnhom, u lanqas jidher illi wera x-xewqa jew l-intenzjoni illi jużufruwixxi ruħu minnhom;

38. Mingħajr ma tidħol fil-mertu, din il-Qorti tfakkar illi l-Ordni ta' Friżar ma tinħariġx għalxejn. Hija miżura kawtelatorja, bħalma huma l-atti kawtelatorji illi jinħarġu fit-termini tal-proċedura ordinarja ċivili. Miżuri kawtelatorji dejjem ser iwasslu sabiex ifixklu, xi ftit jew wisq, l-istil ta' ħajja illi wieħed ikun imdorri jgħix qabel jinħarġu. Madanakollu, il-liġi ordinarja tagħti rimedji sabiex taċċerta illi l-effetti tal-miżura kawtelatorja jiġu mitigati, bħalma huma r-rimedji mogħtija mill-Artikolu 22A tal-Kap 101. Il-fatt illi tali rimedji ma jkunux ipoġġu lill-persuna affettwata fl-*istatus quo ante* sakemm il-proċeduri fil-konfront tagħha jkunu għadhom pendenti, ma jfissirx illi tali rimedji m'humiex adegwati, xierqa u/jew effettivi. Li kieku kien hekk, ma kien ikun hemm l-ebda skop illi tittieħed miżura kawtelatorja, stante illi biha u mingħajrha, is-sitwazzjoni tibqa' l-istess;

39. Finalment, il-Qorti tirrileva illi l-fatt illi l-Ordni ta' Ffriżar ħarġet ukoll fit-termini tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ta lir-rikorrent ukoll rimedju ieħor, cioe dak illi jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Ffriżar fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-Ordni, fit-termini tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tressqet l-ebda prova illi r-rikorrent utilizza dan ir-rimedju, u dan minkejja illi r-rikorrent kellu dan ir-rimedju wkoll għad-disposizzjoni tiegħu;

40. Qabel tagħlaq, din il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tindirizza punt illi ħadet in konsiderazzjoni iżda ħasset illi ma kellhiex issegwi sabiex waslet għal din id-deċiżjoni, cioe s-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et***[6], fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi l-Artikolu 22A

[6] Rik Nru 370/2021/1, Qorti Kostituzjonali, 30 ta' Novembru 2022

tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta kien illeda d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fuq talba <u>kważi</u> identika għal dik odjerna. Dan wara illi din il-Qorti kif diversement presjeduta ma ddeklinatx milli tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent a tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta (anke jekk ma ġietx sollevata eċċezzjoni f'dan is-sens), iżda għaddiet mill-ewwel sabiex tistħarreġ il-każ fil-mertu;

41. Ir-raġunijiet illi għalihom din il-Qorti għażlet illi tiddipartixxi mis-sentenza suċitata huma s-segwenti:

a. Fl-ewwel lok, f'***Dalli***, ir-rikorrent kien tressaq mixli <u>unikament</u> bir-reat ta' assoċjazzjoni kontemplat fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux b'sensiela ta' reati (inkluż ta' ħasil ta' flus) bħal fil-każ odjern. Dan ifisser illi l-Ordni ta' Ffriżar ħareġ biss fit-termini tal-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi r-rikorrent ma kellux għad-disposizzjoni tiegħu ir-rimedju ordinarju fit-termini tal-Artikolu 23A(5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħal fil-każ odjern;

b. Fit-tieni lok, fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali stess, *"[I]d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex fis-sens li l-ħruġ ta' dan l-ordni kien minnu nnifsu leżiv tad-drittijiet tal-appellat. Is-sejbien ta' ksur sar mill-Ewwel Qorti* ***wara li li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u partikolarment il-fatt li l-appellat m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar abbinat mad-dewmien taż-żmien fil-kawża kontra tiegħu****, fatturi li l-Ewwel Qorti sabet li jwasslu għal nuqqas ta' proporzjonalita' bejn l-interess ġenerali u d-drittijeit tal-appellat."* Din il-Qorti kkonsidrat ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, illi, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, huma diversi minn dawk f'***Dalli***, stante illi r-reati illi bihom qed jiġi mixli r-rikorrent huma aktar estensivi minn dawk f'***Dalli***, b'dana illi r-rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tar-rikorrent huma wkoll diversi. In oltre, f'***Dalli***, l-Ordni ta' Ffriżar kienet ilha fis-seħħ għal tnax-il sena sħaħ, u l-proċeduri

kriminali kienu għadhom fl-istadju ta' prova tal-Prosekuzzjoni wara tnax-il sena. Infatti, il-Qorti Kostituzzjonali qalet,

"*Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l-proporzjonalita' tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja. Meta jkunu għaddew pero' tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa, wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista' tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja.*"

Dan mhux il-każ fil-każ odjern, fejn l-Ordni ta' Ffriżar kienet ilha fis-seħħ għal erba' snin meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, u r-rikorrent mhux talli stenna tliet (3) snin qabel ressaq l-ewwel talba sabiex jibda jipperċepixxi l-ammont illi tagħtih dritt għalih il-liġi, iżda talli x'ħin ngħatat lilu l-opportunita' illi jieħu vantaġġ mir-rimedju ordinarju għad-disposizzjoni tiegħu, naqas milli jagħmel dan;

42. Din il-Qorti tifhem illi f'***Dalli***, iċ-ċirkostanzi kienu tali illi din il-Qorti kif diversement presjeduta u l-Qorti Kostituzzjonali warajha ma setgħux ma jindirizzawx il-każ fil-mertu. Dan, iżda, mhux il-każ fil-każ odjern, fejn huwa evidenti illi hemm rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tar-rikorrent illi għad iridu jiġu eżawriti qabel huwa jista' verament jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

43. Għaldaqstant, meqjus il-premess, din il-Qorti, wara li rat illi jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent sabiex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, u illi kellu (u għad għandu) l-possibilita' illi jeżawrixxi ruħu minnhom, wara li rat illi l-istess mezzi huma sodisfaċenti u kapaċi jagħtu rimedju lir-rikorrent għall-ilmenti tiegħu, u wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, tqis illi jkun desiderabbli illi tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha

mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha skond l-istess subartikolu.

**Decide**

44. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati;

ii. **Tilqa**' t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi sejra tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikolu; u

iii. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**